ŻEBBUĠ

**<u>MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN</u> Nru. 37/2013**
***Kienet addottata Aġenda nru. 32/2013***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: L-Erbgħa, 16 ta' Jannar 2013**
(Ma saritx it-Tlieta, 15 ta' Jannar 2013 minħabba nuqqas ta' quorum).

**Ħin: Fid-9.00 ta' filgħodu**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Emmanuel Debono – Viċi Chairperson**
- **Is-Sur Victor Refalo – Membru**
- **Is-Sur Joseph Zammit – Membru**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Is-Sur George Sacco u s-Sindku s-Sur Nicky Saliba kienu skużati.

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Marija Saliba.

## 1. <u>TALBA</u>

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. <u>APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 36/2012</u>

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 36/2012 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 36/2012

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

Dwar l-istima li kien ħareġ il-Perit biex isir *water culvert* fi Triq il-Wied kantuniera ma' Triq il-Munġbell, il-Kumitat approva li dan il-*culvert* isir mill-kuntrattur tat-tarmak (stima ta' €3,545).

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Ittra mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-allokazzjoni finanzjarja li se tingħata lill-Kunsill għall-ewwel erba' xhur tas-sena 2013.

Ittra mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Memo 122/2011 – Skema ta' finanzjament għar-restawr ta' postijiet storiċi żgħar. Il-Kumitat ġie nfurmat li l-proġett propost minnu 'Statwa tas-Salvatur' ma ntgħażilx mill-Bord ta' Evalwazzjoni.

Komunikat mibgħut mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fejn il-Kumitat ġie nfurmat li l-applikazzjoni tiegħu għal bankini ġodda fi Triq il-Qbajjar u Triq il-Munġbell kienet approvata mill-UIF Committee. Il-Kumitat qabel li jagħmel sejħa pubblika għall-offerti għal dan il-proġett ta' pavimentar.

Stima tal-Perit biex tinkesa bit-tarmak parti minn Triq il-Qbajjar (maġenb Triesti Development, fejn għandna ilment li qed iżomm l-ilma tax-xita). Il-Kumitat ftiehem li jirranġa kif jista' bil-*cold asphalt*.

Il-Kumitat approva kwotazzjoni ta' Calleja Ltd għal provvista ta' *parts* għall-fanali miksura tal-Menqa (spiża ta' €638).

Ittra ta' Therese Attard dwar l-organizzazzjoni ta' Car Boot Sales matul l-2013 fil-*car park* ta' Marsalforn. Ma kienx hemm oġġezzjonijiet mill-Kumitat għal din it-talba.

Ittra mibgħuta minn Francis Xavier Borg fejn issuġġerixxa li ssir *pedestrian crossing* fi Pjazza San Pawl u jsiru sinjali 'Slow' fit-toroq ta' madwar il-knisja u ilmenta dwar l-istat tal-bankini fi Triq id-Duluri. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet

infurmata li skont ir-regolamenti ta' Transport Malta, *pedestrian crossing* fi triq *two-way* tkun tista' ssir minn ta' lanqas 25 metru bogħod minn kantuniera ta' triq.

Is-Sur Refalo ġibed l-attenzjoni għall-fatt li l-fanal li kien intlaqat minn *trailer* fi Triq il-Port baqa' ma twaħħalx u l-fanal li kien irrapporta imminenti li jaqa' lanqas kien tranġa. Is-Segretarja Eżekuttiva kienet ser tara dwar dawn iż-żewġ fanali.

## 5. SINJALI TAT-TRAFFIKU ĠODDA

Fuq proposta taċ-Chairperson, il-Kumitat ftiehem li jgħaddi għall-kunsiderazzjoni ta' Transport Malta biex minflok *parking bays*, isir sinjal it-tul tat-triq iż-żewġ naħat ta' Triq id-Duluri biex il-*parking* isir mis-sinjal il-ġewwa.

## 6. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

Ilment KAM 44/2012 – is-Sinj. Christine Steege
Qed titlob biex jinqala' fanal minn quddiem il-gallarija tar-residenza tagħha fi Triq il-Port. It-talba kienet rifjutata.

Ilment KAM 45/2012 – is-Sur Joe Vella
Isir xogħol ta' traqqiegħ fi Triq il-Port. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li kienet ser tibgħat wieħed mill-ħaddiema tal-Kunsill biex isewwi l-ħsara li hemm fi Triq il-Port.
Il-Kumitat approva t-tiswija tal-pavimentar li nqala' bil-maltemp fi Triq il-Port.

Ilment KAM 01/2013 – il-Viċi Sindku Mario Cassar
Jerġgħu jiġu esplorati l-possibilitajiet li tinstab soluzzjoni għall-problema ta' aċċessibilita' fil-bankini ta' Triq id-Duluri.

Ilment KAM 02/2013 – is-Sur George Sacco
Staqsa x' kien ġara mill-korrispondenza mal-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar l-illegalita' li hemm fi Triq is-Sajjied. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet l-ittra li ntbagħtet mill-Kumitat lil Transport Malta kienet dwar aċċess alternattiv għal Triq Għar Qawqla, Triq is-Sajjied u Triq ix-Xagħra u mhux dwar l-illegalita' li qed jagħmel referenza għalih is-Sur Sacco.
Titwaħħal plakka bl-isem ta' Triq is-Sajjied, it-triq li tiġi kantuniera ma' Triq Għar Qawqla. Intqal li t-triq hija privata.
Ippropona li Triq il-Port, mis-*souvenir shop* sal-Calypso Diving Centre, tinfetaħ *two-ways* għall-*coaches*. Proposta approvata mill-Kumitat – se tintbagħat għall-kunsiderazzjoni ta' Transport Malta.
Issir laqgħa għas-sajjieda u d-dilettanti tal-baħar dwar il-karrijiet u d-dgħajjes li hemm fil-Menqa.

Dwar il-*water culvert* propost għal Triq ix-Xagħra, Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li kienet saret applikazzjoni mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-finanzjament ta' dan il-*culvert* kif miftiehem.
Dwar il-kisi bit-tarmak ta' Triq Għar Qawqla, Is-Segretarja Eżekuttiva qalet hija m' għandiex informazzjoni dwar meta se ssir din it-triq.

## 7. MATERJA OĦRA

Il-Kumitat approva li:

- jsir *reserved parking bay* għall-persuni b' diżabilita' fi Triq il-Qbajjar.
- jingħalqu bis-siment tlett konok fi Triq il-Wied (it-triq tal-Electra).
- tinkesa biċ-ċagħaq (materjal li qed jintuża fir-*roundabouts* minn tal-ELC) is-*soft area* ta' wara Smiley's Snack Bar.
- ssir *pedestrian crossing* fi Triq il-Qbajjar, daqs 25 metru bogħod mill-kantuniera ta' Triq il-Luzzu lejn Marsalforn.

## 8. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fil-11.000 ta' filgħodu u l-Kumitat Amministrattiv aġġorna *sine die.*

**Marija Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***